# QORTI ĊIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta**
**Tlieta (3) ta' Diċembru 2019**

**Rikors Numru 250/18 FDP**

Fl-ismijiet

**G.M.F. Precast Limited**
**(C 11521)**

**Vs**

**B&B Cranes BVBA soċjetà reġistrata fil-Belgju**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 16 ta' Marzu 2018, li permezz tiegħu s-soċjet'a rikorrenti talbet is-segwenti:

   *(1) Illi s-soċjeta' rikorrenti esponenti xtrat Mobile Crane tal-marka Liebherr [Type LTM 1100-4.1] tas-sena 2007 li għandu numru tas-serje: 63568 u Chassis Numru W09474700BEL05319 mingħand is-soċjeta' intimata B & B Cranes BVBA.*

   *(2) Illi dan il-bejgħ u xiri sar għall-prezz ta' tlett mija u għaxart elef Euro (€310,000) kif jidher u jirrizultaw mill-Invoice Proforma li kopja giet unita u mmarkata bħala Dokument G.M.F. 1*

*(3) Illi s-soċjeta' rikorrenti esponenti ħallset il-prezz kollu miftiehem u fatturat u dan kif jirrizulta mid-Dokument G.M.F. 2 u u d-Dokument G.M.F, 3 li gew uniti.*

*(4) Illi skond il-kundizzjonijiet li rregolaw il-bejgħ u xiri ta' l-imsemmi Mobile Crane t-titolu fil-Mobile Crane kien jgħaddi għand is-soċjeta' rikorrenti hekk kif jigi mħallas il-prezz kollu.*

*(5) Illi l-prezz kollu gie imħallas fis-7 ta' Frar, 2017,*

*(6) Illi wara l-ħlas is-soċjeta' intimata kienet bagħtet id-dettalji tal-konsenja tal-imsemmi Mobile Crane kif jidher mid-Dokument li kopja tiegħu giet unita u mmarkata bħala Dokument G.M.F. 4*

*(7) Illi sal-llum is-soċjeta' intimata ma kkonsenjatx il-Mobile Crane lis-soċjeta' rikorrenti esponenti għalkemm giet miltuba sabiex tagħmel dan kemm telefonikament kif ukoll bil-kitba.*

*(8) Illi permezz ta' protest gudizzjarju datat il-25 ta' Ottubru, 2017, liema protest gudizzjarju gie debitament notifikat lis-soċjeta' intimata fid-29 ta' Dicembru, 2017 kif jidher mill-kopja li giet unita u mmarkata bħala Dokument G.M.F. 5, l-istess soċjeta' rikorrenti esponenti formalment talbet lis-soċjeta' intimata sabiex tikkonsenja l-Mobile Crane mixtri minnha u illum proprjeta' tagħha fi zmien gimgħa mid-data ta' meta l-imsemmi protest gudizzjarju jigi notifikat filwaqt li pprotestat għad-danni, spejjes u interessi li ga soffriet u li tista' ssofri in konsegwenza tal-inadempjenzi tas-soċjeta' intimata u/jew tal-ksur mis-socjeta' intimata tal-obbligi legali tagħha u tpoggieha in dolo, mora u kolpa għall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*(9) Illi nonostante dan is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti u għalhekk is-soċjeta' rikorrenti esponenti ma fadallhiex triq oħra għajr dik li tipproċedi bil-proċeduri gudizzjarji odjerni.*

*Għalhekk għar-ragunijiet premessi s-socjeta' rikorrenti esponenti umilment titlob lil dina 1-Onorabbli Qorti jogħgobha:*

*(1) tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjeta' intimata hija moruza u għalhekk inadempjenti fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni tagħha li tikkonsenja il-Mobile Crane tal-marka Liebherr [Type LTM 1100-4.1] tas-sena 2007 li għandu numru tas-serje: 63568 u Chassis Numru W09474700BEL05319, mixtri mingħandha mis-soċjeta' rikorrenti esponenti u dan in vista tal-att gudizzjarju debitament notifikat, li kkonstitwiha in mora;*

*(2) tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjeta' intimata hija responsabbli għall-ksur tal-obbligu legali tagħha li tikkonsenja il-Mobile Crane tal-*

*marka Liebherr [Type LTM 1100-4.1] tas-sena 2007 li għandu numru tas-serje: 63568 u Chassis Numru W09474700BEL05319, mixtri mingħandha mis-soċjeta' rikorrenti esponenti;*

*(3) tordna ix-xoljiment tal-bejgħ tal-imsemmi Mobile Crane tal-marka Liebherr [Type LTM 1100-4.1] tas-sena 2007 li għandu numru tas-serje: 63568 u Chassis Numru W09474700BEL05319, mixtri mingħand is-soċjeta' intimata mis-soċjeta' rikorrenti esponenti;*

*(4) konsegwentement tordna l-ħlas lura u immedjat tal-prezz imħallas mis-socjeta' rikorrenti esponenti ammontanti għal tlett mija u għaxart elef Euro (€310,000);*

*(5) tillikwida dawk id-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti esponenti kawza tal-inadempjenza tas-soċjeta' intimata u tal-ksur tal-obbligi legali tagħha, okkorrendo permezz ta' periti nominandi;*

*(6) tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas id-danni likwidati skond it-talba preċedenti*

*Bl-imgħaxijiet legali kwantu għall-ħlas lura tal-ammont fuq imsemmi mid-data ta' meta sar il-ħlas tal-prezz li tiegħu qiegħed jintalab il-ħlas lura mis-socjeta' rikorrenti esponenti, bl-imgħaxijiet legali kwantu id-danni sofferti u mitluba mid-data tal-protest gudizzjarju u bl-ispejjez inkluzi dawn tal-protest gudizzjarju tal-25 ta' Ottubru, 2017 u tan-notifika tiegħu skont Regolament (KE) Nru.1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru, 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti gudizzjarji u extra-gudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali kontra s-soċjeta' intimata li minn issa hija ngunta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fis-16 ta' Mejju 2018, is-soċjeta' intimata ġiet notifikata ġewwa Industrielaan 82/3, 3630, Maasmechelen, Belgju (fol 75)

3. Rat illi s-soċjeta' intimata baqgħet kontumaċi, għalkemm debitament notifikata.

4. Rat ix-xhieda ta' George Portelli, mogħtija fit-23 ta' Ottubru 2018.

5. Rat illi fit-23 ta' Ottubru 2018, is-soċjeta' rikorrenti ddikkjarat illi għajr għal provi dokumentarji, hija ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

6. Rat illi fit-23 ta' Ottubru 2018, il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-5 ta' Frar 2019, fejn is-soċjeta' intimata kienet awtorizzata tagħmel sottomissjonijiet sas-27 ta' Novembru 2018.

7. Rat illi sas-27 ta' Novembru 2018 ma daħħlu ebda sottomissjonijiet da' parte tas-soċjeta' intimata.

8. Rat id-dokumentazzjoni esebita mis-soċjeta' rikorrenti fid-29 ta' Novembru 2018. (fol 85)

9. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fis-26 ta' Gunju 2019, fejn is-soċjeta' rikorrenti għarrfet lill-Qorti illi l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

10. Rat illi fis-26 ta' Gunju 2019 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

11. Rat illi mix-xhieda prodotta, l-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex hija ma għandhiex tilqa' t-talbiet kollha kif dedotti, anke in vista tal-kontumaċja tas-soċjeta' intimata debitament notifikata ġewwa l-indirizz tagħha fil-Belgju.

12. In vista ta' dan, din il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' rikorrenti pprovat l-kaz tagħha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DEĊIDE:**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

**Tilqa'** t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti, u għalhekk;

1. **Tiddikjara** li s-soċjeta' intimata hija moruza u għalhekk inadempjenti fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni tagħha li tikkonsenja il-Mobile Crane tal-marka Liebherr [Type LTM 1100-4.1] tas-sena 2007 li għandu numru tas-serje: 63568 u Chassis Numru W09474700BEL05319, mixtri mingħandha mis-soċjeta' rikorrenti esponenti u dan in vista tal-att gudizzjarju debitament notifikat, li kkonstitwiha in mora;

2. **Tiddijkara** li s-soċjeta' intimata hija responsabbli għall-ksur tal-obbligu legali tagħha li tikkonsenja il-Mobile Crane tal-marka Liebherr [Type LTM 1100-4.1] tas-sena 2007 li għandu numru tas-serje: 63568 u Chassis Numru W09474700BEL05319, mixtri mingħandha mis-soċjeta' rikorrenti esponenti;

3. **Tordna** ix-xoljiment tal-bejgħ tal-imsemmi Mobile Crane tal-marka Liebherr [Type LTM 1100-4.1] tas-sena 2007 li għandu numru tas-serje: 63568 u Chassis Numru W09474700BEL05319, mixtri mingħand is-soċjeta' intimata mis-soċjeta' rikorrenti esponenti;

4. **Tordna** l-ħlas lura u immedjat tal-prezz imħallas mis-soċjeta’ rikorrenti esponenti ammontanti għal tlett mija u għaxart elef Euro (€310,000);

5. **Tillikwida u Tikkundanna** lis-soċjeta’ intimata sabiex tħallas is-somma ta’ tlett mija u għaxart elef Euro (€310,000)

**Bl-ispejjez u imgħax** kif mitluba fir-rikors promotur kontra s-soċjeta’ intimata.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**